"heavy-duty dual fuel system" means an engine retrofit system, meant to allow a retrofitted diesel engine to operate with a diesel fuel and a gaseous fuel simultaneously with both fuels being metered separately, and having a visible meter allowing Transport Malta officers, or delegates thereof, to confirm that the vehicle is being regularly run using gaseous fuel;" and

(iii) immediately after the definition 'heavy-duty motor vehicle' there shall be added the following new definition:

"heavy-duty motor vehicle" means a motor vehicle used for the carriage of goods or passengers which is powered by a compression-ignition (diesel) engine and which has a maximum permissible mass exceeding two thousand, six hundred and ten kilograms (2,610kg), as defined in, Article 1.1 of UN Regulation No. 49, and Article 2 of Regulation (EC) No. 595/2009;"

2. Article 2 shall be amended as follows:

(i) paragraph (b) of Article 2.1 shall be substituted by the following:

"(b) has been retrofitted with an HDDF system approved by a type-approval authority of any European Union Member State;" and

(ii) immediately after Article 2.1, there shall be added the following:

"2.2. Impriżi li l-vetturi tagħhom ġew mgħammra b'sistema HDDF fis-snin li għaddew xorta jistgħu japplikaw għal din l-iskema."

3. Artikolu 3(ii) qed jiġi emendat kif ġej:

(i) paragrafu (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tas-sistema HDDF li tkun ġiet installata maħruġ minn Awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ta' kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea f'isem il-manifattur tal-istess sistema HDDF;"

(ii) il-paragrafi (b), (ċ), (d), (e), (f) u (ġ) għandhom jiġu rinumerati (ċ), (d), (e), (f), (ġ) u (ħ) rispettivament;

(iii) minnufih wara l-paragrafu (a) għandu jiżdied dan li ġej:

"(b) kopja tal-istruzzjonijiet għall-kalibrazzjoni u installazzjoni ppubblikati mill-manifattur tas-sistema HDDF;" u

(iv) paragrafu (ċ) hekk kif rinumerat għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) fil-każ fejn iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni msemmi hawn fuq ma jkunx japplika għall-użu tal-LPG, dikjarazzjoni mill-manifattur li s-sistemi HDDF li jkunu se jintużaw f'Malta se jkunu addattati biex jaħdmu bl-LPG;".

4. Artikolu 4 qed jiġi emendat kif ġej:

(i) paragrafu (ċ) tas-subartikolu(ii) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) għandha tkun mgħammra b'sistema HDDF minn persuna kompetenti;"

(ii) paragrafu (d) tas-subartikolu (ii) qed jiġi mħassar;

(iii) paragrafu (e) tas-subartikolu (ii) qed jiġi rinumerat bħala paragrafu (d); u

(iv) minnufih wara subartikolu (iii) għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(iv) Transport Malta tirriżerva d-dritt li tispezzjona vetturi wara li jkunu ġew mgħammra b'sistema HDDF u qabel l-approvazzjoni tal-għotja relatata. Dawn l-ispezzjonijiet għandhom jiffukaw fuq is-sigurtà tal-installazzjoni u l-impatt tagħha fuq is-sigurtà u l-funzjonalità ġenerali tal-vettura konċernata."

Ħlief għal dawk hawn fuq imsemmi, il-provvedimenti l-oħra kollha stipulati fl-Iskema għandhom jibqgħu fermi, validi u applikabbli.

L-24 ta' Diċembru, 2021

"2.2. Undertakings which retrofitted their vehicle with an HDDF system during the past years may still apply for this scheme."

3. Article 3(ii) shall be amended as follows:

(i) paragraph (a) shall be substituted by the following:

"(a) a copy of the approval certificate for the installed HDDF system issued by a Type-Approval Authority of any European Union Member State on behalf of the manufacturer of the HDDF System;"

(ii) paragraph (b), (c), (d), (e), (f) and (g) shall be renumbered (c), (d), (e), (f), (g) and (h) respectively;

(iii) immediately after paragraph (a) the following shall be inserted:

"(b) a copy of the calibration and installation instructions published by the manufacturer of the HDDF system;" and

(iv) paragraph (c) as renumbered shall be substituted by the following:

(c) in the case where the above-mentioned approval certificate does not apply for the use of LPG, a declaration from the manufacturer that the HDDF systems to be used in the Maltese market shall be adapted to operate with LPG;".

4. Article 4 shall be amended as follows:

(i) paragraph (c) of sub-article (ii) shall be substituted by the following:

"(c) shall be retrofitted with an HDDF system by a competent person;"

(ii) paragraph (d) of sub-article (ii) shall be deleted;

(iii) paragraph (e) of sub-article (ii) shall be renumbered as paragraph (d); and

(iv) immediately after sub-article (iii), there shall be added the following new sub-article:

"(iv) Transport Malta reserves the right to inspect vehicles following the retrofitting of the HDDF system and prior to the approval of the related grant. Such inspection shall focus on the safety of the installation and its impact on the overall safety and function of the concerned vehicle."

Save for the above, all other provisions stipulated in the Scheme shall remain firm, valid and unimpaired.

24th December, 2021

Nru. 1659

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI

Għotjiet tal-Gvern inkluży Skemi ta' Skrappjar għax-Xiri ta' Vetturi Elettriċi, għal Individwi Privati, Kunsilli Lokali, Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi, Negozji u Kumpaniji Privati

SKONT il-provvedimenti ta' paragrafi 8 u 10 tal-Avviż Governattiv Nru. 517 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,609 datata 16 ta' April, 2021, il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali qed jestendi din l-iskema ta' għotjiet sabiex tali skema tibqa' valida sakemm l-ammont totali tal-għotjiet jilħaq is-somma ta' €8,300,000 (minflok is-somma oriġinali ta' €2,500,000). Meta tintlaħaq din is-somma ta' €8,300,000 din l-iskema, kif estiża, tintemm awtomatikament.

Barra minn hekk din l-Iskema qed tiġi emendata kif ġej:

1. Paragrafi (a) u (b) ta' subartikoli 2.2.1, 2.2.2 u 2.2.3 tal-Artikolu 2 tal-Iskema qed jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"a) Mit-12 t'Ottubru, 2021, €12,000 meta tirreġistra vettura elettrika ġdida li taqa' taħt il-Kategorija M1 jew N1 waqt li tiskrappja vettura oħra M jew N ICE li għandha mill-inqas 10 snin mis-sena tal-manifattura tagħha:

Barra minn hekk, somma addizzjonali ta' €1,000 tingħata lil min jirreġistra vettura elettrika jew plugin-hybrid ġdida u jiskrappja vettura (kategorija M1 jew N1) li tkun reġistrata Għawdex li għandha 10 snin jew iktar fid-data tal-applikazzjoni u li tkun diġà reġistrata, iggaraxxjata jew liċenzjata f'ismu/isimha qabel il-11 t'Ottubru, 2021.

b) Mit-12 t'Ottubru, 2021, €11,000 (minflok €8,000) meta tirreġistra vettura elettrika ġdida li taqa' taħt il-Kategorija M1 jew N1 mingħajr ma tħassar ir-reġistrazzjoni u tiskrappja vettura oħra ICE.

2. Fl-artikolu 8, is-somma ta' €2,500,000 qed tiġi sostitwita bis-somma ta' €8,300,000.

Ħlief għal dawk hawn fuq imsemmi, il-provvedimenti l-oħra kollha stipulati fl-Iskema għandhom jibqgħu fermi, validi u bla tibdil.

L-24 ta' Diċembru, 2021

No. 1659

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

Government Grants including Scrappage Schemes for the Purchase of Electric Vehicles for Private Individuals, Local Councils, Non-Government Organisations, Businesses and Private Companies

IN terms of the provisions of paragraph 8 and 10 of the Government Notice No. 517 published in the Government Gazette No. 20,609 dated 16th April 2021, the Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects is extending this grant scheme so that such scheme shall be valid until the total amount of grants reaches the amount of €8,300,000 (in lieu of the original amount of €2,500,000). Once this amount of €8,300,000 is reached, the scheme, as extended, will be automatically terminated.

Furthermore, the Scheme is being amended as follows:

1. Paragraphs (a) and (b) of sub-articles 2.2.1, 2.2.2 and 2.2.3 of Article 2 of the Scheme are being substitued by the following:

"a) As of 12th October 2021, €12,000 when registering a new electric vehicle falling under category M1 or N1 while de-registering and scrapping another M or N Category ICE vehicle which is at least 10 years old from its year of manufacture:

Moreover, an additional €1,000 will be given to a vehicle owner who registers a new electric or plugin-hybrid vehicle and scraps a motor vehicle (M1 or N1 Category) which has been registered in Gozo and is 10 years or older at the date of application and which vehicle was already registered, garaged or licensed in his/her name prior to the 11th October 2021.

b) As of 12th October 2021, €11,000 (instead of €8,000) when registering a new electric vehicle falling under category M1 or N1 without de-registering and scrapping another ICE vehicle.

2. In Article 8, the amount of €2,500,000 is being substituted by the amount of €8,300,000.

Save for the above, all other provisions stipulated in the Scheme shall remain firm, valid and unaltered.

24th December, 2021

Nru. 1660

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI

Skema tal-Gvern inkluz Sistema ta' Skrappjar għax-Xiri ta' Pedelecs u Vetturi fil-Kategorija L

SKONT il-provvedimenti ta' paragrafi 8 u 9 tal-Avviż Governattiv Nru. 481 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,605 datata 9 ta' April, 2021, il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali qed jestendi din l-iskema ta' għotjiet sabiex tali skema tibqa' valida sakemm l-ammont totali tal-għotjiet jilħaq is-somma ta' €4,100,000 (minflok is-somma oriġinali ta' €700,000). Meta tintlaħaq din is-somma ta' €4,100,000 din l-iskema, kif estiża, tintemm awtomatikament.

Barra minn hekk din l-Iskema qed tiġi emendata kif ġej:

1. Fl-artikolu 8, is-somma ta' €700,000 qed tiġi sostitwita bis-somma ta' €4,100,000.

Ħlief għal dawk hawn fuq imsemmi, il-provvedimenti l-oħra kollha stipulati fl-Iskema għandhom jibqgħu fermi, validi u bla tibdil.

L-24 ta' Diċembru, 2021

No. 1660

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

Government Grant including Scrappage Scheme on the Purchase of Pedelecs and Category L Vehicles

IN terms of the provisions of paragraph 8 and 9 of the Government Notice No. 481 published in the Government Gazette No. 20,605 dated 9th April 2021, the Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects is extending this grant scheme so that such scheme shall be valid until the total amount of grants reaches the amount of €4,100,000 (in lieu of the original amount of €700,000). Once this amount of €4,100,000 is reached, the scheme, as extended, will be automatically terminated.

Furthermore, the Scheme is being amended as follows:

1. In Article 8, the amount of €700,000 is being substituted by the amount of €4,100,000.

Save for the above, all other provisions stipulated in the Scheme shall remain firm, valid and unaltered.

24th December, 2021

Nru. 1661

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
24.12.2021	€51.014	€0.645

L-24 ta' Diċembru, 2021

No. 1661

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

24th December, 2021

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 79

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Diċembru, 2021, bejn is-6.00 p.m. u s-7.30 p.m, minn Triq il-Vitorja, Triq Ħas-Sajjied, Triq il-Kbira, Pjazza San Franġisk, Triq Sant'Elena u Pjazza Sant' Elena.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-24 ta' Diċembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 200 tal-2021

Kanċellazjoni tal-Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 12, 17 u 26 tal-2019 u Nri 51 u 73 tal-2020 rigward Tħammil u Xogħlijiet oħra fil-Port tal-Imġarr – Għawdex

B'referenza għal BA Chart 211 – Plans in the Maltese Islands

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li t-tħammil u xogħlijiet oħra fil-Port tal-Imġarr – Għawdex, imsemmija fl-Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 12, 17 u 26 tal-2019 u Nri 51 u 73 tal-2020 tlestew.

Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 12, 17 u 26 tal-2019 u Nri 51 u 73 tal-2020 huma b'dan IKKANĊELLATI.

L-24 ta' Diċembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 201 tal-2021

Kanċellazjoni tal-Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 152 tal-2021 rigward Ċaqliq ta' blat fix-Xgħajra

Issir referenza għal BA Chart 2538 – Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li ċ-ċaqliq ta' blat fix-Xgħajra msemmi fl-Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 152 tal-2021 tlesta.

POLICE NOTICE

No. 79

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Friday, 24th December, 2021, between 6.00 p.m. and 7.30 p.m, through Triq il-Vitorja, Triq Ħas-Sajjied, Triq il-Kbira, Pjazza San Franġisk, Triq Sant'Elena and Pjazza Sant' Elena.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

24th December, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 200 of 2021

Cancellation of Local Notice to Mariners Nos. 012, 17 and 26 of 2019 and Nos 51 and 73 of 2020 re garding Dredging and Other Works at Mġarr Harbour – Gozo

Reference is made to BA Chart 211 – Plans in the Maltese Islands

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Dredging and other works at Mgarr Harbour – Gozo, mentioned in Local Notice to Mariners Nos 12, 17 and 26 of 2019 and Nos 51 and 73 of 2020 have been completed.

Local Notice to Mariners Nos 12, 17 and 26 of 2019 and Nos 51 and 73 of 2020 are hereby CANCELLED.

24th December, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 201 of 2021

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 152 of 2021 regarding Shifting of boulders at Xgħajra

Reference is made to BA Chart 2538 – Malta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that the Shifting of boulders at Xgħajra mentioned in Local Notice to Mariners No. 152 of 2021 has been completed.

L-Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 152 tal-2021 huwa b'dan IKKANĊELLAT.

L-24 ta' Diċembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 202 tal-2021

Wirja tal-logħob tan-Nar (Stage Pyrotechnics) minn Pinto Wharf 1 u 2 fil-Port il-Kbir

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-Baħħara li ser issir wirja tal-logħob tan-nar (Stage Pyrotechnics) f'Pinto Wharf 1 u 2 fil-Port il-Kbir (punt A kif muri fiċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

Il-logħob tan-nar se jsir mit-tarf tal-moll (ħdejn il-baħar) nhar il-Ġimgħa 31 ta' Diċembru, 2021. Din il-wirja ser tibda minn 11.58 p.m. għal madwar 10 minuti.

Il-baħħara huma nfurmati li hija meħtieġa distanza ta' sigurtà ta' 15 metri minn fejn qed jinħarġu l-logħob tan-nar

Għandu jkun hemm konformità ma' kull struzzjonijiet maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Chanel 12 u/jew minn xi aġenzija tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

L-24 ta' Diċembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 203 tal-2021

Tneħħija tal-Pontuni Temporanji tul il-Main Breakwater fil-Port tal-Imġarr, Għawdex

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li l-pontun temporanju stabbilit bl-Avviż Lokali lill-Baħħara numru 23 tal-2020 qed jitneħħa, f'kull jum, bejn it-Tnejn 3 ta' Jannar, 2022 u s-Sibt, 15 ta' Jannar 2022.

It-tneħħija tal-pontun temporanji se tinvolvi l-ingaġġ ta' għaddasa. Il-pontun imbagħad jitgħabba fuq il-barkun tax-xogħol MV Gold Dredger li jittrasportaha sal-Port il-Kbir fejn tinħatt fuq l-art.

Waqt it-tneħħija u t-tagħbija fuq l-MV Gold Dredger hija mitluba distanza ta' sigurtà ta' 25m mill-pontun, murija bħala A, B, Ċ u D fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Waqt l-operazzjonijiet tal-għadis il-barkun se jesibixxi l-bandiera 'A' u kwalunkwe

Local Notice to Mariners No. 152 of 2021 is hereby CANCELLED.

24th December, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 202 of 2021

Fireworks (Stage Pyrotechnics) Display from Pinto Wharf 1 and 2 at the Grand Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Mariners that fireworks (Stage Pyrotechnics) will be let off from Pinto Wharf 1 and 2 at the Grand Harbour (point A as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

The short fireworks display will be let off from the edge of the wharf (seaward side) on Friday, 31st December, 2021 starting at 11.58 p.m. for about 10 minutes.

Mariners are informed that a safety distance of 15 meters from the letting off site at The Grand Harbour is required.

Any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF channel 12 and/or by any enforcement agency on site, are to be complied with

Chart affected: BA 177

24th December, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 203 of 2021

Removal of Temporary Pontoons along the Main Breakwater in Mġarr Harbour, Gozo

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public that the temporary pontoon established by Local Notice to Mariners number 23 of 2020 is being removed, any day, between Monday, 3rd January, 2022 and Saturday 15th January 2022.

The removal of the temporary pontoons will involve the engagement of divers. The pontoon will then be loaded onto the work barge MV Gold Dredger which will transport it to the Grand Harbour where it will be unloaded onto the land.

During the removal and loading on to the MV Gold Dredger a safety distance of 25m from the pontoon is requested, shown as A, B, C and D as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt). During the diving operations the barge will exhibit the flag 'A' and any other signals deemed

sinjali oħra meqjusa meħtieġa skont 'Regulations for the prevention of Collisions at sea, COLREGS 72', kif emendat.

Il-baħħara għandhom joqogħdu attenti ħafna, ibaħħru b'kawtela, u b'veloċità baxxa ħafna u jżommu 'il bogħod mill-inħawi indikati. Huma għandhom ukoll jikkonformaw ma' kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq il-VHF channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u jikkoperaw mal-kuntrattur u kull Persunal ta' Infurzar fuq il-post.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 23 tal-2020 dwar it-Tqegħid ta' Pontoons Temporanji tul il-Main Breakwater, fil-Port tal-Imġarr, Għawdex, huwa b'dan IKKANĊELLAT

Chart affettwata: BA 211

L-24 ta' Diċembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 204 tal-2021

Bastiment nofsu mgħerreq fil-Magħluq, Il-Bajja ta' Marsaxlokk – Periklu għan-Navigazzjoni

B'referenza għal BA Chart 36 – Marsaxlokk and Approaches

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-bastiment nofsu mgħerreq imsemmi f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 175 tal-2021 fil-Bajja ta' Marsaxlokk fil-viċinanza ta':

Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
35° 50'.410	014° 32'.761

issa waqgħet u tinsab taħt il-wiċċ fuq il-qiegħ tal-baħar.

Filwaqt li qed isir kull sforz biex il-bastiment jerġa' jittella' minn qiegħ il-baħar kemm jista' jkun malajr, il-baħħara għandhom jagħtu iżommu 'l bogħod b'mill-inqas 30m mill-pożizzjoni ta' hawn fuq li hija indikata b'baga żgħira.

Huma għandhom jinnavigaw b'kawtela u joqogħdu attenti ħafna meta jinnavigaw fil-viċinanza.

Minħabba dan ta' hawn fuq, l-Avviż Lokali lill-baħħara Nru. 175 tal-2021 huwa b'dan IKKANĊELLAT.

Pożizzjoni fi: WGS 84 Datum.

Chart affettwata: BA Chart 36

L-24 ta' Diċembru, 2021

necescessary, in accordance with the Regulations for the prevention of Collisions at sea, COLREGS 72 as amended.

Mariners are to keep a sharp lookout, navigate with caution, and at very slow speed giving the indicated areas a wide berth and cooperate with the contractor. They are also to comply with any instructions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and to co-operate with the contractor and any Enforcement Personnel on site.

Local Notice to Mariners No. 23 of 2020 regarding Laying of Temporary pontoons along the Main Breakwater in Mgarr Harbour , Gozo, is hereby CANCELLED

Chart affected: BA 211

24th December, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 204 of 2021

Submerged boat at Il-Magħluq, Il-Bajja ta' Marsaxlokk – Hazard to Navigation

Reference is made to BA Chart 36 – Marsaxlokk and Approaches

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the semi-submerged vessel mentioned in Local Notice to Mariners No. 175 of 2021 in Il-Bajja ta' Marsaxlokk in the vicinity of:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 50'.410	014° 32'.761

has now foundered and lies below the surface on the sea bottom.

Whilst every effort is being made to refloat the vessel as soon as possible, mariners are to give a wide berth of at least 30m, from the above position which is indicated by a small buoy.

They are to navigate with caution and keep a sharp lookout when navigating in the vicinity.

Due to the above Local Notice to mariners No. 175 of 2021 is hereby CANCELLED

Position in: WGS 84 Datum.

Chart affected: BA Chart 36

24th December, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 43 tal-2021

Kanċellazjoni tal-Avviż lill-Baħħara Nru 41 tal-2021 rigward - Merkanti Reef, East Cardinal Light – MHUX AFFIDABBLI

B'referenza għal BA Chart 177 – Valletta Harbours

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li 'l-Merkanti Reef, East Cardinal Light imsemmija fl-Avviż lill-Baħħara Nru 41 tal-2021 ġiet imsewwija u qed taħdem sew.

L-Avviż lill-Baħħara Nru. 41 tal-2021 huwa b'dan IKKANĊELLAT.

L-24 ta' Diċembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 43 of 2021

Cancellation of Notice to Mariners No 41 of 2021 - re - Merkanti Reef, East Cardinal Light – UNRELIABLE

Reference is made to BA Chart 177 – Valletta Harbours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that the Merkanti Reef, East Cardinal Light mentioned in Notice to Mariners No. 41 of 2021 has been repaired and is functioning properly.

Notice to Mariners No. 41 of 2021 is hereby CANCELLED.

24th December, 2021

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Ingaġġ mill-Ġdid ta' Uffiċjali Pubbliċi Rtirati/li se Jirtiraw fi ħdan il-Professjonisti tal-Kura tas-Saħħa biex Iwettqu Dmirijiet fuq Bażi Full-time/Part-time fi ħdan is-Sovratendenza tas-Saħħa Pubblika fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa, tilqa' applikazzjonijiet mingħand Professjonisti tal-Kura tas-Saħħa li laħqu l-età tal-irtirar (mhux aktar minn 70 sena) jew li se jilħqu l-età tal-irtirar sal-31 ta' Diċembru, 2021 U li kienu uffiċjali pubbliċi jew irtirati/li se jirtiraw, biex iwettqu dmirijiet fuq bażi full-time/part-time mas-Sovratendenza tas-Saħħa Pubblika fil-Ministeru għas-Saħħa.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

i. Ikun involut f'diversi funzjonijiet relatati mar-rispons għall-Covid tas-saħħa pubblika;

ii. Jinvestiga każijiet riċevuti mill-Case Management Team billi juża formoli standardizzati;

iii. Jinvestiga każijiet ta' epilinking u jagħmel traċċar tal-kuntatti u jiżgura li l-kuntatti tal-każijiet jiġu kkuntattjati u tqiegħdu formalment fi kwarantina abbażi tal-kriterji tas-saħħa pubblika;

iv. Jagħti pariri lil każijiet u lill-kuntatti tagħhom dwar stili ta' ħajja b'saħħithom matul il-kwarantina tagħhom;

MINISTRY FOR HEALTH

Re-engagement of Retired/Retiring Public Officers within the Healthcare Professional Grades to Perform Duties on a Full-time/Part-time Basis within the Superintendence of Public Health within the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Director General (People Managment), Ministry for Health, invites applications from Healthcare Professionals who have reached retirement age (not more than 70 years of age) (or are expected to reach retirement age by the 31st December 2021, AND who were either retired/retiring public officers to perform duties on a full-time/part-time basis within the Superintendence of Public Health within the Ministry for Health.

Duties and Responsibilities

i. Being involved in various functions related to public health Covid response;

ii. Investigates cases received from Case Management team by using standardised forms;

iii. Investigates cases of epilinking and carries out contact tracing and makes sure that contacts of cases are contacted and have been formally placed into quarantine based on the public health criteria;

iv. Advises cases and their contacts on healthy lifestyles during their quarantine;

v. Jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa;

vi. Iwettaq kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

vii. Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Il-kandidati jrid ikollhom l-istess rekwiżiti li normalment jintalbu għal tali grad fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Persuna magħżula tkun impjegata fuq bażi kuntrattwali ta' sena li jista' jiġi mġedded imma li fl-ebda każ ma jista' jiġi estiż aktar minn perjodu ta' tnejn u erbgħin (42) xahar jew minn meta l-impjegat jilħaq l-età ta' sebgħin (70), skont liema tiġi l-ewwel.

Persuna magħżula fil-grad ta' Professjonist tal-Kura tas-Saħħa irtirat/li se jirtira li jirritorna fis-Servizz Pubbliku biex iwettaq dmirijiet mas-Sovratendenza tas-Saħħa Pubblika titħallas skont is-salarju u l-iskala li fiha kienet irtirat/li se tirtira.

Persuna magħżula titħallas skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli kif stabbiliti mill-Ministeru għas-Saħħa u li jirriflettu l-Ftehim Settorali li jappartjeni għall-Klassi.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li wieħed jgħid li jkollu, għandhom ikunu msaħħa b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopji tagħhom għandhom ikunu mehmuża mal-applikazzjoni flimkien ma' Curriculum Vitae, bl-oriġinali li għandhom jiġu ppreżentati għall-verifika meta jintalbu.

L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal- applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji

L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

v. Makes use of the Information Technology systems in use in the Ministry of Health;

vi. Undertakes any necessary training as directed by his/her superior;

vii. Carries out any other duties assigned by the Permanent Secretary or delegate;

Candidates must possess the same requisites as is usually required for such grades within the Public Service of Malta.

A selected person will be employed on an annual renewable contract basis which shall in no case be extended beyond a period of forty-two (42) months or beyond the employee's age of seventy (70), whichever is the earlier.

The chosen candidates in the grade of retired/retiring healthcare professionals who return to the Public Service to perform duties within the Superintendence of Public Health will be renumerated at the salary scale and step on which they retired/are to retire.

A selected person will be paid in accordance with applicable rules and regulations as determined by the Ministry for Health, which reflect the respective Sectoral Agreement pertaining to their Class.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application together with a Curriculum Vitae, with originals to be produced for verification upon request.

Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. Themaximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-People Management Division, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tal-Online Government Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal- għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa 7 ta' Jannar, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the public service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 7th January, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

L-applikanti li għandhom bżonn għajnuna biex jissottomettu applikazzjoni online, għandhom ifittxu din l-għajnuna mill-HR Unit tad-dipartiment attwali tagħhom, jew mill-HR Unit tad-dipartiment fejn qed japplikaw. Dawn l-applikanti għandom jiżguraw li l-persuna li tapplika għannom tagħhom, fil-fatt, qed tapplika għall-post battal meħtieġ u tehmeż id- dokumentazzjoni korretta.

Applicants who need assistance in submitting an online application, are to seek such assistance from the HR Unit of their current Department, or the HR Unit of the Department where they are applying. Such applicants are to ensure that the person applying on their behalf is, in fact, applying for the vacancy required and attaching the correct documentation.

Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati. Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from dateof notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa huwa (https://deputyprimeminister.gov.mt), in-numru tal-fax huwa +356 2299 2604, u l-indirizz elettroniku huwa (recruitment.health@gov.mt).

The website address for the Ministry for Health is (https://deputyprimeminister.gov.mt), the fax number is +356 2299 2604, and the email address is (recruitment.health@gov.mt).

L-24 ta' Diċembru, 2021

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Ingaġġ mill-Ġdid ta' Uffiċjali Pubbliċi Rtirati/li se Jirtiraw fil-Gradi tan-Nursing biex Iwettqu Dmirijiet fuq Bażi Full-time/Part-time fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa, tilqa' applikazzjonijiet mingħand Nurses li laħqu

24th December, 2021

MINISTRY FOR HEALTH

Re-Engagement of Retired/Retiring Public Officers within the Nursing Grades to Perform Duties on a Full-time/Part-time Basis within the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Director General (People Management), Ministry for Health, invites applications from Nurses who have reached

l-età tal-irtirar (mhux aktar minn 70 sena) jew li se jilħqu l-età tal-irtirar sal-31 ta' Diċembru, 2021 U li kienu uffiċjali pubbliċi jew irtirati/li se jirtiraw, biex iwettqu dmirijiet fuq bażi full-time/part-time fil-Ministeru għas-Saħħa.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

Id-dmirijiet ta' Staff Nurse jinkludu li:

i. Jipprovdi kura sana, effettiva u effiċjenti lill-grupp speċifiku ta' pazjenti u li jieħu sehem fl-edukazzjoni ta' junior staff/persunal li jkunu fuq żjara, kif ukoll ta' studenti;

ii. Jagħti informazzjoni liċ-Charge Nurse u lil membri oħra tal-persunal biex jassigura l-użu effiċjenti u effettiv ta' impjegati u riżorsi;

iii. Jgħallem u jissorvelja junior staff u studenti skont il-livell personali tal-kompetenza/esperjenza tiegħu/tagħha;

iv. Jagħmel użu mis-Sistemi tat-Teknologija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru fejn wieħed ikun assenjat;

v. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

vi. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Kandidati jrid ikollhom l-istess rekwiżiti li normalment jintalbu għal tali grad fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Persuna magħżula tkun impjegata fuq bażi kuntrattwali ta' sena li jista' jiġi mġedded imma li fl-ebda każ ma jista' jiġi estiż aktar minn perjodu ta' tnejn u erbgħin (42) xahar jew minn meta l-impjegat jilħaq l-età ta' sebgħin (70) sena, skont liema tiġi l-ewwel.

Persuna magħżula fil-grad ta' Nurse irtirat/li se jirtira li jirritorna fis-Servizz Pubbliku biex iwettaq dmirijiet fil-Ministeru għas-Saħħa titħallas skont is-salarju u l-iskala li fiha kienet irtirat/li se tirtira Persuna magħżula titħallas skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli kif stabbiliti mill-Ministeru għas-Saħħa u li jirriflettu l-ftehim Settorali tal-Klassi tan-Nursing.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li wieħed jgħid li jkollu, għandhom ikunu msaħħa b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopji tagħhom għandhom ikunu mehmuża mal-applikazzjoni flimkien ma' Curriculum Vitae, bl-oriġinali li għandhom jiġu ppreżentati għall-verifika meta jintalbu.

retirement age (not more than 70 years of age) or are expected to reach retirement age by the 31st December, 2021, AND who were either retired/retiring public officers to perform duties on a full-time/part-time basis within the Ministry for Health

Duties and Responsibilities

The duties of Staff Nurse include:

i. Provides safe, effective and efficient care to a specified group of patients and participates in the education of junior/visiting staff and students;

ii. Gives information to the Charge Nurse and other members of staff to ensure the efficient and effective use of personnel and resources;

iii. Teaches and supervises junior staff and students according to own level of competence/experience;

iv. Makes use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry where one is assigned duties;

v. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

vi. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Candidates must possess the same requisites as is usually required for such grades within the Public Service of Malta.

A selected person will be employed on an annual renewable contract basis which shall in no case be extended beyond a period of forty-two (42) months or beyond the employee's age of seventy (70), whichever is the earlier.

The chosen candidates in the grade of retired/retiring Nurses who return to the Public Service to perform duties within the Ministry for Health will be renumerated at the Salary Scale and step on which they retired/are to retire. A selected person will be paid in accordance with applicable rules and regulations as determined by the Ministry for Health, which reflects the respective Sectoral Agreement of the Nursing Class.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application together with a Curriculum Vitae, with originals to be produced for verification upon request.

L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-People Management Division, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT1171, permezz tal-Online Government Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L- applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal. Id-data tal- għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa 7 ta' Jannar, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel

Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the public service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 7th January, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the later, to submit any incorrect orincomplete or missing documents.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa huwa (https://deputyprimeminister.gov.mt), in-numru tal-fax huwa +356 2299 2604, u l-indirizz elettroniku huwa (recruitment.health@gov.mt).

The website address for the Ministry for Health is (https://deputyprimeminister.gov.mt), the fax number is +356 2299 2604, and the email address is (recruitment.health@gov.mt).

L-24 ta' Diċembru, 2021

24th December, 2021

KUMMISSJONI NAZZJONALI
GĦALL-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA

Vakanza

Uffiċjal (Riżorsi Umani u Amministrazzjoni)
(Permess ta' Jobsplus Nru: 686/2021)

Din il-kariga fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) hija marbuta ma' Skala ta' Salarju 10 tas-Servizz Pubbliku. Din il-kariga hi b'kuntratt indefinit fuq bażi full-time.

L-Uffiċjal (Riżorsi Umani u Amministrazzjoni) irid ikollu/ha fil-pussess tiegħu/tagħha kwalifika rikonoxxuta ta' Baċellerat fil-Livell MQF 6, (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003) f'Public Sector Accounting, Procurement and Finance, Business Administration, Work and Human Resources, Public Policy, Public Administration, Public Management, Leadership and Organisational Behaviour jew kwalifika rikonoxxuta, adattata, komparabbli.

CFT 020-1097/21. Supply of 0.5 percent Chlorhexidine in 70 percent Alcohol or in an equivalent alcoholic base

This tender document is free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

24th December, 2021

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 2412U21 will be received up to noon on Thursday, 30th December, 2021.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

24th December, 2021

KUNSILL LOKALI N-NAXXAR

Il-Kunsill Lokali n-Naxxar jgħarraf illi:

Sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Jannar, 2022, offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali n-Naxxar, għal:

Avviż Nru. NLC/03/2021. Żamma u manutenzjoni ta' bankini u toroq pedonali.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-24 ta' Diċembru, 2021

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS at Naxxar Local Council up to 9.30 a.m. of Monday, 24th January, 2022, for:

Advt No. NLC/03/2021. Upkeep and maintenance of footpaths and pedestrian streets.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

24th December, 2021

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1940

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2021, fuq talba ta' George Chetcuti et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-dominus mhux magħruf u/jew l-eredi tiegħu fl-atti taċ-ċedola numru 584/2021 fl-ismijiet George Chetcuti et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' George Chetcuti, duty officer, iben il-mejjet Joseph u Rose née Cini, imwieled Tal-Pietà u residenti San Pawl il-Baħar (KI 157375M) u Maria Rita sive Marita Micallef, duty officer, bint il-mejtin Carmelo sive Charles Micallef u Rose née Azzopardi, imwielda Tal-Pietà u residenti San Pawl il-Baħar (KI 0307669M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lid-dominus mhux magħruf u/jew l-eredi tiegħu, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2021, fejn l-esponenti George Chetcuti (KI 157375M) u Maria Rita sive Marita Micallef (KI 0307669M) esponew bir-rispett:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 30th March, 2021, following a request by George Chetcuti et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown dominus and/or his heirs in the acts of the schedule of deposit number 584/2021 in the names George Chetcuti et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of groundrent filed in the First Hall of the Civil Court on the 30th March, 2021, in the names George Chetcuti, duty officer, son of the late Joseph and Rose née Cini, born in Tal-Pietà and resided in San Pawl il-Baħar (ID 157375M) and Maria Rita sive Marita Micallef, duty officer, daughter of the late Carmelo sive Charles Micallef and Rose née Azzopardi, born in Tal-Pietà and resides in San Pawl il-Baħar (ID 0307669M) vs Deputy Curators to represent the unknown dominus and/or his heirs the applicants George Chetcuti (ID 157375M) and Maria Rita sive Marita Micallef (ID 0307669M) respectfully submitted:

Illi permezz ta' kuntratt pubbliku redatt fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri u datat 23 ta' Jannar, 2009 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. A), l-esponenti xtraw u akkwistaw id-dar bil-garaxx anness u mniffed magħha, flimkien innumerati uffiċjalment 61 ġja numru 68 fi Triq l-Għeriexem, Ir-Rabat, Malta, flimkien mal-arja libera relattiva tal-istess dar u flimkien mal-pedamenti u sottoswol liberi relattivi tal-istess dar u garaxx (il-Fond) pjanta hawn annessa u mmarkata Dok. B) suġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' €2,33;

Illi l-esponenti George Chetcuti u Maria Rita sive Marita Micallef jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultajiet mogħtija lilhom taħt l-Artikoli 1501 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet tal-Malta) u jifdu ċ-ċens kollu li qed jiggrava l-Fond u għal dan il-għan huma qegħdin jintavolaw kontestwalment mal-preżenti ċedola, rikors għall-ħatra ta' kuraturi sabiex jirrappreżentaw lis-sid tad-dirett dominju mhux magħruf tal-fond;

Illi l-ammont ta' €2.33 kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €46.60;

Illi għal kull bon fini, l-esponenti sejrin ukoll permezz tal-preżenti jiddepożitaw is-somma ta' €11.65 ekwivalenti għall-aħħar ħames snin ċens annwu u perpetwu.

Għaldaqstant l-esponenti qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u jiddepożitaw taħt l-awtorità tagħha, is-somma komplessiva ta' €58.25 inkwantu għal €46.60 rappreżentanti l-fidwa taċ-ċens annwu u perpetwu u €11.65 rappreżentanti l-arretrati tal-aħħar ħames snin ċens biex jiġu liberament żbankati mill-kuraturi deputati in rappreżentanza tad-dominus mhux magħruf jew l-eredi tiegħu wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Depożitanti: 44, Sea Wave Crt, Fl 4, Triq Efesu, San Pawl il-Baħar

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
Reġistratur tal-Art, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

That by means of a public deed in the records of Notary Ian Spiteri dated 23rd January, 2009 (copy of which is attached and marked as Doc. A) the applicants bought and acquired the house with the garage annexed and joined to it, together officially numbered 61 (previously number 68) in Triq l-Għeriexem, Rabat, Malta, together with free airspace in relation to the same house and with its foundations and subsoil in relation to the same house and garage (the Premises) (plan here attached and marked as Doc. B) subject to the annual and perpetual groundrent of €2.33;

That the applicants George Chetcuti and Maria Rita sive Marita Micallef wish to avail themselves of the option given to them in terms of article 1501 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta) and redeem the groundrent on these premises and for this reason they are together with this present filing an application for the nomination of deputy curators to represent the unknown direct owner of the premises;

That the amount of €2.33 capitalised at the rate of 5% amounts to €46.60;

That for an intents and purposes the applicants are also depositing the amount of €11.65 equivalent to five years annual and perpetual groundrent arrears.

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the total amount of €58.25, representing as for the amount of €46.60 the redemption of the annual and perpetual groundrent and the amount of €11.65 representing the groundrent arrears for the last five years, so that they can be freely withdrawn by the deputy curators representing the unknown dominus or his heirs after leaving the relative receipt according to law.

Depositors: 44, Sea Wave Crt, Fl 4, Triq Efesu, St Paul's Bay

Notification: Director of Public Registry Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta
Registrar of Lands, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Robert G. Mangion, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 30 ta' Marzu, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Diċembru, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Robert G. Mangion, LLD, Doctor of Laws.

Today 30th March, 2021

Registry of the Superior Courts, today 17th December 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1941

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-22 ta' Lulju, 2021, fuq talba ta' Karmena sive Carmela Mifsud Bonnici ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarju jew direttarji li mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1325/2021 fl-ismijiet Karmena sive Carmela Mifsud Bonnici vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta'ċens ta' Karmena sive Carmela Mifsud Bonnici (KI 328737M) armla minn Alfred Mifsud Bonnici, bint il-mejtin Manwel Azzopardi u Grazzja née Formosa, imwielda Ħaż-Żabbar fl-4 ta' April, 1937 vs Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarju jew direttarji mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-14 ta' Lulju, 2021, fejn Karmena sive Carmela Mifsud Bonnici esponiet bir-rispett:

Illi l-esponenti hija proprjetarja tal-fond ossija terran bin-numru 93 u li għandu l-isem Maria Grazzja, bil-garaxx adjaċenti miegħu bin-numru uffiċjali 91 inkluż l-arja relattiva tagħhom usque ad coelum u s-sottoswol relattiv tagħhom usque ad inferos, it-tnejn aċċessibbli minn Triq Lia, ġewwa Ħaż-Żabbar, liema terran jinkludi wkoll il-bitħa ossija ġjardina retrostanti għalih u liema proprejtà tinsab aħjar deskritta fuq is-site-plan hawn annessa u mmarkata bħala Dok. CB1;

Illi, di piu, l-proprjetà suriferita hija suġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' Lm2.25 ekwivalenti għal €5.24;

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 22nd July, 2021, following a request by Karmena sive Carmela Mifsud Bonnici it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown direct owner or owners in the acts of the schedule of deposit number 1325/2021 in the names Karmena sive Carmela Mifsud Bonnici vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of groundrent filed in the First Hall of the Civil Court on the 14th July 2021, in the names Karmena sive Carmela Mifsud Bonnici (ID 328737M) widow of Alfred Mifsud Bonnici, daughter of the late Manwel Azzopardi and Grezzja née Formosa, born in Ħaż-Żabbar on the 4th April, 1937 vs Deputy Curators to represent the unknown direct owner or owners, the applicants Karmena sive Carmela Mifsud Bonnici respectfully submitted:

That the applicant is the owner of the tenament with number 93 and holds the name Maria Grazzja, with the adjacent garage with official number 91, including the relative airspace usque ad coelum and the subsoil usque ad inferos, both accessabile from Triq Lia in Ħaż-Żabbar, which tenament includes also a yard and also a small back garden, which property is better described in the site-plan here attached and marked as Doc. CB1;

And also the property above mentioned is subject to the annual and perpetual groundrent of Lm2.25 equivalent to €5.24;

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha ai termini tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u tirredimi ċ-ċens sovra indikat;

Illi l-esponenti ma tafx lil min hu dovut dan il-kanone u għaldaqstant mhux qed jitħallas;

Illi kontestwalment ma' din iċ-ċedola ta' depożitu l-esponenti qiegħda tippreżenta rikors għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interess tad-direttarji mhux magħrufa jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu;

Illi ċ-ċens annwu u perpetwu €5.24 kkapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €104.80;

Illi l-esponenti jixtiequ wkoll iħallsu l-import ta' 5 snin ċens u ċjoè s-somma ta' €26.20 filwaqt li qegħdin ukoll għal kull bon fini jħallsu laudemium fis-somma ta' €5.24.

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħda tadixxi din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha tiddepożita s-somma komplessiva ta' €136.24 sabiex din is-somma tiġi liberament żbankata mill-intimati u dan wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Depositanta: Karmena Mifsud Bonnici, 93, Maria Grazzja, Triq Lia, Ħaż-Żabbar

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta
Kuraturi Deputati, il-Qorti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Audrey Demicoli, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 22 ta' Lulju, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Diċembru, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

That the applicant wishes to avail herself from the option given to her in terms of Article 1501 of the Civil Code and redeem the groundrent above mentioned;

The applicant does not know to whom this canone is due and thus it is not being paid;

That together with this schedule of deposit the applicant is filing an application for the nomination of deputy curators to represent the interest of the unknown direct owners or their successors in title;

That the annual and perpetual groundrent of €5.24 capitalised with the rate of 5% amounts to €104.80;

That the applicant wishes to pay five (5) years groundrent and that is the amount of €26.20 whilst she is also paying the laudemium in the amount of €5.24.

Thus, the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the total amount of €136.24 which amount will be freely withdrawn by the respondents after leaving the relative receipt according to law,

Depositor: Karmena Mifsud Bonnici, 93, Maria Grazzja, Triq Lia, Ħaż-Żabbar

Notification: Director of Public Registry, Triq id-Dejqa, Valletta
Deputy Curators, Law Courts, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Audrey Demicoli, LLD, Doctor of Laws.

Today 22nd July, 2021

Registry of the Superior Courts, today 17th July, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1942

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru, 2021, fuq talba ta' John Glanville et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eredità tan-Nutar Ivan Barbara fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4443/2021 fl-ismijiet John Glanville et vs Kuraturi Deputati u Rosanne Barbara Zarb et u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-15 ta' Ottubru, 2021, ta' John Glanville (KI 144990M) ta' 64, Maria Bambina, Triq Santa Monika, Paola (Malta) u Jodie Yvonne Stivala (KI 492795M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredità tan-Nutar Ivan Barbara (KI 113474M) ta' Il-Qorti, Valletta (Malta) u Rosanne Barbara Zarb (KI 406674M) ta' 67, Ave Maria, Triq Santa Monika, Paola (Malta) u Bank of Valletta plc ta' Cannon Road, Santa Venera (Malta) il-mittenti jagħmlu referenza għall-konvenju ffirmat fil-preżenza tan-Nutar Dr Ivan Barbara datat 25 tsa' Frar, 2021, fejn huma ħallsu depożitu ta' €17,500 liema depożitu inżamm fil-kont bankarju (clients account tal-istess Nutar Dr Ivan Barbara.

Illi għalhekk dawn il-flus miżmuma għandhom jiġu ritornati lill-mittenti minnufih.

Illi inoltre l-mittenti jagħmlu referenza għall-fatt illi l-flus inkwistjoni kienu depożitati ġewwa l-clients account tan-Nutar Dr Ivan Barbara u għalhekk kien kompitu tal-Bank konvenut illi jiżgura tramite l-proċessi interni ta' due diligence, illi flejjes depożitati taħt il-kustodja tan-Nutar Dr Ivan Barbara ġewwa clients account miżmum mal-bank, jintużaw għal skopijiet oħrajn u għalhekk il-bank intimat f'każ li jirriżulta illi l-flejjes appartenti lill-esponenti ma jinsabux fl-istess kont bankarju, huwa responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-esponenti minħabba negliġenza fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu ta' sorveljanza kif obbligat bil-liġi.

Illi dan apparti l-fatt illi ġja ladarba r-reġim matrimonjali tal-kompjant Nutar Dr Ivan Barbara u martu l-intimata Rosanne Barbara Zarb kienet dik tal-komunjoni tal-akkwisti, hija responsabbli għall-ħlas tal-flejjes depożitati in solidum mal-eredità tal-istess Nutar Dr Ivan Barbara.

Għaldaqstant, l-esponenti qed jinterpellakom sabiex fi żmien ġimgħa mill-ispedizzjoni ta' din l-ittra uffiċjali intom

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 22nd October, 2021, following a request by John Glanville et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the inheritance of Notary Ivan Barbara in the acts of the judicial letter number 4443/2021 in the names John Glanville et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 15th October, 2021, by John Glanville (ID 144990M) of 64, Maria Bambina, Triq Santa Monika, Paola (Malta) and Jodie Yvonne Stivala (ID 492795M) against deputy curators to represent the inheritance of Notary Ivan Barbara (ID 112474M) of Law Courts, Valletta (Malta) and Rosanne Barbara Zarb (ID 406674M) of 67, Ave Maria, Triq Santa Monika, Paola (Malta) and Bank of Valletta plc of Cannon Road, Santa Venera (Malta) the interpellants make reference to the promise of sale signed in the presence of Notary Doctor Ivan Barbara dated 25th February, 2021, where they paid a deposit of €17,500 which deposit was kept in the clients account of the same Notary Doctor Ivan Barbara.

The Money so deposited should be returned to the interpellants immediately.

That in addition the interpellants make reference to the fact that the money in question was deposited in the clients' account of Notary Doctor Ivan Barbara and therefore it was the responsibility of the defendant Bank to ensure through its internal due diligence processes, that money deposited in the custody of Notary Doctor Ivan Barbara in a clients' account held with the bank, is not used for other purposes and therefore the respondent bank in case it turns out that the money belonging to the interpellants is not in the same bank account, is liable for damages to the applicant due to negligence in the performance of his supervisory duties as required by law.

That this apart from the fact that once the matrimonial regime of the late Notary Dr Ivan Barbara and his wife the respondent Rosanne Barbara Zarb was that of the community of acquests, she is jointly and severally responsible for the payment of the money deposited with the inheritance of the same Notary Dr Ivan Barbara.

Therefore, the applicant is requesting you so that within one week from the dispatch of this judicial letter you pay the

tħallsu lill-esponenti s-somma ta' €17,500 u fin-nuqqas il-mittenti mhux ser jkollhom triq oħra ħlief li jipproċedu kontra tagħkom skont il-liġi.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Din l-ittra uffiċjali qed issir ai termini tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż

Rikorrenti: 64, Maria Bambina, Triq Santa Monika, Paola (Malta)

Intimati: Rosanne Barbara Zarb, 67, Ave Maria, Triq Santa Monika, Paola (Malta)
Bank of Valletta plc, Cannon Road, Santa Venera (Malta)
Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Miriam Hayman, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 22 ta' Ottubru, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Diċembru, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

amount of €17,500 and in default the interpellant will have no alternative but to proceed against you according to law.

So much so that you know how to proceed and regulate yourselves.

This judicial letter is being made in terms of the Laws of Malta.

With costs

Interpellants: 64, Maria Bambina, Triq Santa Monika, Paola (Malta)

Respondents: Rosanne Barbara Zarb, 67, Ave Maria, Triq Santa Monika, Paola (Malta)
Bank of Valletta plc, Cannon Road, Santa Venera (Malta)
Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Miriam Hayman, LLD, Doctor of Laws.

Today 22nd October, 2021

Registry of the Superior Courts, today 17th December, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1943

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Lulju, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3720/2020, fl-ismijiet Mary Ellul vs Anthony Busuttil et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Graham Busuttil, Sarah Woods, Greta Busuttil, Tessa Abela Schinas, Trafford Busuttil, Mattia Busuttil, Zachary Busuttil u Faye Busuttil a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 19th July, 2021, in the records of the judicial letter number 3720/2020, in the names Mary Ellul vs Anthony Busuttil et , the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents Graham Busuttil, Sarah Woods, Greta Busuttil, Tessa Abela Schinas, Trafford Busuttil, Mattia Busuttil, Zachary Busuttil and Faye Busuttil in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 6 ta' Novembru, 2020

Lil:

1. Anthony Busuttil

2. Graham Busuttil (KI 403961M) ta' Flat 15, Regent Park Towers, Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan

3. Mark Busuttil

4. Sarah Woods (KI 529880M) ta' Palace Court, Flat 5, Triq il-Knisja, San Ġiljan

5. Rebecca Schrader

6. Greta Busuttil (KI 196688M) ta' 32, Arzella, Triq il-Ktajjen, Is-Swieqi

7. Tessa Abela Schinas (KI 109286M) ta' Champignon Court, Flat 5, Triq il-Hemel, Is-Swieqi

8. Trafford Busuttil (KI 138667M) ta' 31, Triq Santa Rita, Tas-Sliema

9. Mattia Busuttil (KI 371789M) ta' Regent Park Towers, Flat 4, Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan

10. Kara Busuttil

11. Zachary Busuttil (KI 186594M) ta' Regent Park Towers, Flat 15, Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan

12. Faye Busuttil (KI 400990M) ta' Regent Park Towers, Flat 15, Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan

Permezz tal-preżenti, Mary Ellul (KI 220734M) ta' 186, Main Street, San Ġiljan, fil-kwalità tagħha ta' eredi ta' Myriam Vincenti (KI 694928M) tagħmel referenza għal żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Dr Sam Abela fejn l-intimati Anthony Busuttil u Graham Busuttil dehru f'isem Myriam Vincenti u ttrasferew b'titolu ta' donazzjoni n-nofs indiviż ta' diversi proprjetajiet lill-intimati l-oħra.

Illi b'kuntratt tal-4 ta' Diċembru, 2015, ġie trasferit in-nofs indiviż tal-qabar immarkat bin-numru tlieta, Sezzjoni tal-Lvant, Diviżjoni FA, Kompartament W ġewwa ċ-Ċimiterju tal-Addolorata, Paola. Illi b'kuntratt tas-27 ta' Novembru, 2015, ġie trasferit in-nofs indiviż ta' (i) bini li jikkonsisti f'sitt garaxxijiet ġewwa Triq il-Parroċċa, in-Naxxar, erba' garaxxijiet gewwa Triq San Ġorġ, in-Naxxar, erba' appartamenti kantuniera bejn Triq il-Parroċċa u Triq San Ġorġ, in-Naxxar, bl-isem Hill Crest, erba' appartamenti gewwa Triq il-Parrocca, Naxxar bl-isem Valley View Flats u l-arja, sottoswol u bini ieħor fuq is-sit ta' ċirka 445 metru kwadru kantuniera bejn Triq San Ġorġ u Triq il-Parroċċa u (ii) porzjon diviż ta'art ġewwa Marsaskala parti mit-territorju msejjaħ Taż-Żonqor tal-kejl ta' ċirka 11,335 metru kwadru.

Illi l-mittenti tirrileva li dawn il-kuntratti huwa diġà suġġett ta' żewġ kawżi li kienu nfetħu kontra Myriam Vincenti u kontra l-intimati bir-referenzi numri 1077/2017 FDP u 218/2018 FDP, fejn qiegħed inter alia jintalab li dawn iż-żewġ kuntratti jiġu dikjarati nulli inter alia skont

In the First Hall of the Civil Court

Today 6th November, 2020

To:

1. Anthony Busuttil

2. Graham Busuttil (ID 403961M) of Flat 15, Regent Park Towers, Triq Ġorġ Borg Olivier, Saint Julian's

3. Mark Busuttil

4. Sarah Woods (ID 529880M) of Palace Court, Flat 5, Triq il-Knisja, Saint Julian's;

5. Rebecca Schrader

6. Greta Busuttil (ID 196688M) of 32, Arzella, Triq il-Ktajjen, Swieqi

7. Tessa Abela Schinas (ID 109286M) of Champignon Court, Flat 5, Triq il-Hemel, Swieqi

8. Trafford Busuttil (ID 138667M) of 31, Triq Santa Rita, Tas-Sliema

9. Mattia Busuttil (ID 371789M) of Regent Park Towers, Flat 4, Triq Ġorġ Borg Olivier, Saint Julian's

10. Kara Busuttil

11. Zachary Busuttil (ID 186594M) of Regent Park Towers, Flat 15, Triq Ġorġ Borg Olivier, Saint Julian's

12. Faye Busuttil (ID 400990M) of Regent Park Towers, Flat 15, Triq Ġorġ Borg Olivier, Saint Julian's

By means of this present Mary Ellul (ID 220734M) of 186, Main Street, Saint Julian's, in her own capacity as heir of Myriam Vincenti (ID 694928M) makes reference to two contracts in the records of Notary Doctor Sam Abela where the respondents Anthony Busuttil and Graham Busuttil appeared on behalf of Myriam Vincenti and transferred by title of donation the half undivided share of several properties to the other respondents.

By means of a contract of the 4th December, 2015, the half undivided share of of the tomb marked number three, Eastern Section, Division FA compartment W in Addolorata Cemetry, Paola was transferred. By means of a contract of the 27th November, 2015, the half undivided share of the following was transferred: (i) a building consisting of six garages in Triq il-Parroċċa, Naxxar, four garages in Triq San Ġorġ, Naxxar, four apartments corner with Triq il-Parroċċa and Triq San Ġorġ, Naxxar, named Hill Crest, four apartments in Triq il-Parrocca, Naxxar with the name Valley View Flats and with their airspace and subsoil and other buildings on the site of about 445 meters squared corner between Triq San Ġorġ and Triq il-Parroċċa and (ii) a divided portion of land in Marsaskala part of the territory called Taż-Żonqor measuring about 11,335 square meters.

That the interpellant points out that these contracts are already subject to two lawsuits that were filed against Myriam Vincenti and against the respondents with reference numbers 1077/2017 FDP and 218/2018FDP, where it is inter alia requested that these two contracts are declared null

l-Artikolu 1322 u/jew 1144 tal-Kap. 16, liema kawżi għadhom pendenti.

Illi l-mittetni qua eredi ta' Myriam Vincenti qiegħda wkoll tagħmilha ċara li qiegħda tirriżerva d-drittijiet kollha kontra l-intimati fuq l-imsemmija donazzjonijiet fosthom rigward il-validità tal-prokura użata mill-intimati Anthony Busuttil u Graham Busuttil sabiex isiru l-istess kuntratti, u rigward l-abbuż ta' din il-prokura u tas-setgħat li setgħu talvolta ġew mogħtija lil Anthony Busuttil u Graham Busuttil sabiex saru l-istess kuntratti ta' donazzjoni. Illi għalhekk l-mittenti qua eredi ta' Myriam Vincenti żżomm fermi d-drittijiet kollha tagħha inkluż sabiex titlob in-nullità tal-imsemmija kuntratti ta' donazzjoni u/jew id-danni u telf ta' qligħ. Illi l-mittenti tirrileva wkoll li minkejja diversi tentattivi sabiex tikseb kopja sħiħa tal-prokura, hi tinsab frustrata għaliex għad ma ngħatatx kopja sħiħa tal-prokura.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat mingħajr preġudizzju għad-drittijiet kollha tal-mittenti inkluż dawk bħala eredi ta' Hiliare Vincenti, u mingħajr preġudizzju għall-kawżi 1077/2017 FDP u 218/2018 FDP.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Diċembru, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

according to Articles 1322 and/or 1144 of Cap. 16 , which law suits are still pending.

That the applicant, as the heir of Myriam Vincenti is also making it clear that she is reserving all her rights against the respondents over the said donations including regarding the validity of the power of attorney used by the respondents Anthony Busuttil and Graham Busuttil to enter into the same contracts and with regard to the abuse of this power of attorney and the powers which may have been conferred on Anthony Busuttil and Graham Busuttil for the same donation contracts to be entered into. That therefore the interpellant qua heir of Myriam Vincenti reserves all her rights including to demand the annulment of the said donation contracts and/or damages and loss of profit. That the interpellant also points out that despite several attempts to obtain a full copy of the power of attorney, she is frustrated because she has not yet been given a full copy of the power of attorney.

This letter is being sent without prejudice to all rights of the interpellant including those as heirs of Hilaire Vincenti and without prejudice to the cases 1077/2017FDP and 218/2018FDP.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 17th December, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1944

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Diċembru, 2021, mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Għawdex) fir-rikors pendenti quddiemu, Rikors numru 94/2019, fl-ismijiet SIG Construction Limited vs Kummissarju tat-Taxxi ġie ordnat illi t-taħrika ta' xhud ippreżentata mir-rikorrenti fil-15 ta' Novembru, 2021, u akkordata mill-istess Tribunal fis-16 ta' Novembru, 2021, u li baqgħet mhix notifikata, tiġi notifikata lix-xhud (kif indikat hawn taħt) bil-pubblikazzojni u affissjoni ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Persuna biex titħarrek b'xhud: Martin Farrugia
Indirizz: 34/41, Triq Toni Pace, Il-Mellieħa, Malta
Jum u ħin li fih għandha tidher u fejn: 22 ta' Frar, 2022, fl-9.50 a.m., fil-Qorti ta' Għawdex, Ir-Rabat, Għawdex

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 14 ta' Diċembru, 2021

SILVIO XERRI
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

By order given on 2nd December, 2021, by the Administrative Review Tribunal (Gozo) in the application pending before it, Application number 94/2019, in the names SIG Construcion Limited versus Commissioner of Revenue, it was ordered that the summons of witness filed by the applicant on 15th November, 2021, and approved by the said Tribunal on 16th November, 2021, which summons has not been served, shall be served on the witness (as indicated below) by means of publication and posting in terms of article 187 (3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Person to be summoned as witness: Martin Farrugia
Address: 34/41, Triq Toni Pace, Mellieħa, Malta
Day and time at which he must appear and where: 22nd February, 2022, at 9.50 a.m., at the Gozo Court, Victoria, Gozo

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Today 14th December, 2021

SILVIO XERRI
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1945

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Settembru, 2021, mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Għawdex) fir-rikors pendenti quddiemu, Rikors numru 1/2019, fl-ismijiet John sive Ġanni DeBono et vs Kummissarju tat-Taxxi ġie ordnat illi t-taħrika ta' xhud ippreżentata mir-rikorrenti fil-25 ta' Ġunju, 2021, u akkordata mill-istess Tribunal fit-30 ta' Ġunju, 2021, u li baqgħet mhix notifikata, tiġi notifikata lix-xhud (kif indikat hawn taħt) bil-pubblikazzojni u affissjoni ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Persuna biex titħarrek b'xhud: Martin Farrugia

Indirizz: 'Kingdom', Triq il-Buskett, Il-Rabat, Malta

Jum u ħin li fih għandha tidher u fejn: 22 ta' Frar, 2022, fid-9.30 a.m., fil-Qorti ta' Għawdex, Ir-Rabat, Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 14 ta' Diċembru, 2021

SILVIO XERRI
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

By order given on 23rd September, 2021, by the Administrative Review Tribunal (Gozo) in the application pending before it, Application number 1/2019, in the names John sive Ġanni DeBono et versus Commissioner of Revenue, it was ordered that the summons of witness filed by the applicant on 25th June, 2021, and approved by the said Tribunal on 30th June, 2021, which summons has not been served, shall be served on the witness (as indicated below) by means of publication and posting in terms of article 187 (3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Person to be summoned as witness: Martin Farrugia

Address: 'Kingdom', Triq il-Buskett, Rabat, Malta

Day and time at which he must appear and where: 22nd February, 2022, at 9.30 a.m., at the Gozo Court, Victoria, Gozo

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Today 14th December, 2021

SILVIO XERRI
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1946

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-17 ta' Diċembru, 2021, fuq rikors ta' Seabank Hotel and Catering Limited (C40319) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 7 ta' April, 2022, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, biswit l-Arkivju, livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Żewġ garaxxijiet bin-numri interni ħamsa (5) u sitta (6) fit-tieni livell (upper basement) formanti parti minn korp ta' garaxxijiet 'basement' b'aċċess bħala dħul bil-karozza minn Triq il-Merluzz, u bħala ħruġ minn Triq it-Turisti ġol-Qawra, San Pawl il-Baħar. L-użu ta' dawn iż-żewġ garaxxjiet inbidel billi ġew magħqudin ma' żewġ proprjetajiet immobbli oħra biswithom li qabel kienu ukoll garaxxjiet bin-numru sebgħa (7) u tmienja (8), li kienu maġenb tal-garaxx numru sitta (6). Dan l-ispazju sotterran li qabel kien okkupat minn total ta' erba' garaxxjiet sar kċina u uffiċju. Ukoll fis-spazju fejn kien il-garaxx numru sitta (6) saru konnessjonijet vertikali mal-proprjetà sovrastanti li hi l-kafetterija 'Da Michele' li tinsab fi Triq il-Maskli kantuniera ma' Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar. Dawn il-konnessjonijiet jikkonsistu f'taraġ intern (garigor) u anke hoist (lift) li jtella' u jniżżel ikel u oġġetti relatati mal-kċina sottoposta għall-kaffetterija. Il-fond li kien garaxx numru ħamsa (5) għandu bieb mill-common driveway tas-sotterran, b'aċċess in perpetwu u mhux interrott minn ġo drive in li tipprovdi aċċess, u liema

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 17th December, 2021, on the application of Seabank Hotel and Catering Limited (C40319), Thursday, 7th April, 2022, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Two garages internally numbered five (5) and six (6) on the second level (upper basement) forming part of a building of basement garages with car access entrance from Triq il-Merluzz and exit from Triq it-Turisti in Qawra, St Paul's Bay. The usage of these two garages was changed as garages were connected with another two immovable properties next to garage number six (6), previously also garages, numbered seven (7) and eight (8). This underground space which previously was occupied by a total of four garages changed to a kitchen and an office. Vertical connections were made in the space previously garage number six (6) with the overlying property; 'Da Michele' cafeteria, situated in Triq il-Maskli corner with Triq it-Turisti, St Paul's Bay. These connections consists of an internal staircase and also a hoist (lift) for uploading and unloading food and objects related to the kitchen underlying the cafeteria. The tenement which was garage number five (5) has a basement common driveway, with in perpetual and uninterrupted access from a drive in which provides access, and which garages are

garaxxijiet huma mingħajr l-arja u mingħajr is-sottoswol tagħhom, suġġetti u jgawdu s-servitujiet li jirriżultaw mill-pożizzjoni tagħhom, bid-dritt in perpetwu u mhux interott ta' użu u aċċess bil-vettura u bir-riġel tal-partijiet u servizzi komuni tal-garage complex u stmat li jiswa mija u ħamest elef ewro (€105,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Portelli Joseph Mary (KI 536861M) u Portelli Anna (KI 371660M)

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 9/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 21 ta' Diċembru, 2021

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

without airspace and without their sub terrain, subject and enjoys the servitudes resulting from their position, with the right of perpetual and uninterrupted use and with access with vehicle and on foot of the common areas and services of the garage complex and valued at one hundred and five thousand euro (€105,000).

The said tenement is the property of Portelli Joseph Mary (ID536861M) and Portelli Anna (ID 371660M)

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 9/2020.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 21st December, 2021

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1947

DKR 1/2021 – Interdizzjoni Ġenerali

Ikun jaf kulħadd illi b'sentenza mogħtija fl-4 ta' Novembru, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dr Josette Demicoli, LLD), Kumpilazzjoni numru 400/2012, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Robert Said Sarreo)
(l-Ispettur Christabelle Chetcuti)
(l-Ispettur Eman Hayman)

Kontra

Nazzareno sive Reno Grech, ta' 67 sena, bin Joseph u l-mejta Mary Concetta xebba Bugeja, imwieled Bormla Malta, fit-8 ta' Awwissu, 1954, residenti fil-fond Elia, Triq il-Kanun, Ħal Qormi, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 629254M.

Il-Qorti Ordnat l-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja u bħala perit, f'kull każ li jkun u dan għall-perjodu ta' għaxar (10) snin mid-data tas-sentenza fil-konfront tal-imsemmi Nazzareno sive Reno Grech u dan ai termini tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-pubblikazzjoni qed issir skont l-artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 15 ta' Diċembru, 2021

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

DKR 1/2021 – General Interdiction

It is being notified that by judgement dated 4th November, 2021, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Josette Demicoli, LLD), Compilation number 400/2012, in the case in the names:

The Police
(Inspector Robert Said Sarreo)
(Inspector Christabelle Chetcuti)
(Inspector Eman Hayman)

Vs

